SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

2 ta' April 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/55/KE – Regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali – Protezzjoni tal-konsumaturi – Artikolu 3(3) u l-punt (b) tal-Anness A – Trasparenza tal-kundizzjonijiet kuntrattwali – Obbligu li l-konsumatur jiġi informat b'żieda fit-tariffa fi żmien xieraq u direttament"

Fil-Kawża C-765/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht Koblenz (il-Qorti Reġjonali ta' Koblenz, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Diċembru 2018, fil-proċedura

Stadtwerke Neuwied GmbH

vs

RI,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn P. G. Xuereb (Relatur), President tal-Awla, T. von Danwitz u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Stadtwerke Neuwied GmbH, minn J. Müller, Rechtsanwalt,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn O. Beynet u M. Noll-Ehlers, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(3), moqri flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A, tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Stadtwerke Neuwied GmbH, bħala fornitur tal-gass, u l-klijent RI tagħha dwar il-ħlas ta' arretrati wara diversi żidiet fil-prezz tal-gass.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2 u 3 tad-Direttiva 2003/55 huma fformulati kif ġej:

"(2) L-esperjenza fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva turi li benefiċċji li jistgħu jirriżultaw mis-suq intern fil-gass, f'termini ta' żieda fl-effiċjenza, tnaqqis fil-prezzijiet, standards ogħla ta' servizz u kompetitività ikbar. Madankollu, baqgħu nuqqasijiet u possibiltajiet sinifikantigħat-titjib ta' l-iffunzjonar tas-suq, notevolment huma meħtieġa dispożizzjonijiet konkreti biex jiġi żgurat illi jkun hemm kondizzjonijet ugwali u li jitnaqqsu r-riskji ta' dominanza fis-suq u atteġġjament predatorju, li jiġu aċċertati tariffi tat-trasmissjoni u tad-distribuzzjoni mhux diskriminatorji, permezz ta' aċċess għan-netwerk a bażi ta' tariffi ppubblikati qabel ma jidħlu fis-seħħ, u li jiġi aċċertat li d-drittijiet tal-konsumaturi żgħar u vulnerabbli jiġu mħarsa.

(3) Fil-laqgħa tiegħu f'Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew talab li jsiru xogħlijiet mgħaġġla biex jiġi kompletat is-suq intern kemm fis-setturi ta' l-elettriku u tal-gass u biex titgħaġġel il-libneralizzazzjoni f'dawn is-setturi sabiex jintlaħaq suq intern għal kollox operazzjonali. Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2000 dwar it-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tal-liberalizzazzjoni tas-swieq ta' l-enerġija, talab lill-Kummissjoni biex tadotta kalendarju dettaljat għall-ksib ta' objettivi definiti b'mod preċiż bi skop li s-swieq ta' l-enerġija jiġu liberalizzati bil-mod iżda għal kollox."

4 Skont il-premessa 27 ta' din id-direttiva:

"Ir-rispett tar-rekwiziti tas-servizz pubbliku huwa rekwiżit fundamentali ta' din id-Direttiva u huwa important li jiġu speċifikati hawn l-istandards komuni, rispettati mill-Istati Membri kollha, li jqisu l-għanijiet tal-ħarsiet tal-konsumatur, sigurtà tal-fornitura, ħarsien ta' l-ambjent u livelli ta' kompetizzjoni ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. Huwa importanti li r-rekwiziti tas-servizz pubbliku jistgħu jiġu interpretati fuq bażi nazzjonali, kont meħud għaċ-ċirkostanzi nazzjonali bla ħsara għall-osservanza tal-liġijiet [tal-Unjoni]."

5 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/55 jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

25) 'klijenti tad-dar' tfisser klijenti li jixtru l-gass naturali għall-konsum proprju fid-dar;

[…]

27) ‘klijenti finali’ tfisser klijenti li jixtru l-gass naturali għall-konsum proprju;

[…]”

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-klijenti”, jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

“L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti finali u jaċċertaw livelli għoljin ta’ protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, b’mod partikolari, jaċċertaw illi hemm salvagwardji xieraq għall-ħarsien tal-klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri xierqa biex jgħinuhom jeveitaw id-diskonnessjoni. F’dan il-kuntest jistgħu jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti f’żoni remoti li huma mqabbda mas-sistema tal-gass. L-Istati Membri jistgħu jaħtru provditur ta’ l-aħħar riżort [fornitur li jkun l-aħħar għażla disponibbli] għall-klijenti mqabbdin man-netwerks tal-gass. Għandhom jaċċertaw livelli għoljin ta’ protezzjoni tal-konsumatur, b’mod partikolari rigward trasparenza rigward it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali ta’ l-appalti, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijent eliġibbli effettivament jista’ jaqleb għal provditur ġdid. Rigward klijenti tad-dar dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness A.”

7 L-Anness A tal-istess direttiva jistabbilixxi l-miżuri relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi b’dan il-mod:

“Mingħajr preġudizzju għar-regoli [tal-Unjoni] dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b’mod partikolari d-Direttivi 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[, tal-20 ta’ Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta’ kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319)] u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE [tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)], il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jaċċertaw li l-klijenti:

[…]

(b) jingħataw avviż xieraq dwar kwalunkwe intenzjoni li l-kondizzjonijiet tal-kuntratti jiġu modifikati u jiġu informati dwar id-dritt tagħhom ta’ rtir meta jingħata l-avviż. Il-provdituri tas-servizzi għandhom javżaw lis-sottoskritti tagħhom direttament dwar kwalunkwe żieda fil-piżijiet, fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perjodu wieħed fejn isir il-kont, wara li ż-żieda tkun daħlet fis-seħħ. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijenti huma liberi li jirtiraw mill-kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet ġodda, notifikati lilhom mill-provditur tagħhom tas-servizzi tal-gass;

(ċ) jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet li japplikaw u t-tariffi u dwar termini kondizzjonijiet standard, rigward l-aċċess għal u l-użu tas-servizzi tal-gass;

[…]”

Id-dritt Ġermaniż

8 L-Artikolu 36(1) u (2) tal-Energiewirtschaftsgesetz (il-Liġi dwar il-Provvista tal-Enerġija, iktar ’il quddiem l-“EnWG”) huwa fformulat kif ġej:

“Obbligu ta’ provvista bażika

(1) L-impriżi ta’ provvista tal-enerġija huma meħtieġa, għaż-żoni tan-netwerk ta’ distribuzzjoni li tagħhom huma jiżguraw il-provvista bażika tal-klijenti domestiċi, li jagħmlu pubbliċi l-kundizzjonijiet u l-prezzijiet ġenerali relatati mal-provvista b’vultaġġ baxx jew bi pressjoni baxxa u li jippubblikawhom

fuq l-internet, kif ukoll li jipprovdu lill-klijenti domestiċi kollha b'dawn il-kundizzjonijiet u b'dawn il-prezzijiet. L-obbligu ta' provvista bażika ma japplikax meta, għal raġunijiet ekonomiċi, il-provvista ma tkunx possibbli għall-impriża li tipprovdi l-enerġija.

(2) Il-forniturі ta' servizz ta' provvista bażika msemmija fil-paragrafu 1 huma l-impriżi ta' provvista tal-enerġija li jipprovdu l-iktar klijenti domestiċi f'żona ta' provvista ġenerali […]"

9 Skont l-Artikolu 1(1) tal-Verordnung über allgemeine Bedingungen für die Gasversorgung von Tarifkunden (ir-Regolament dwar il-Kundizzjonijiet Ġenerali għall-Provvista tal-Gass lill-Klijenti li Jaqgħu taħt it-Tariffa Standard) tal-21 ta' Ġunju 1979 (BGBl. 1979 I, p. 676) (iktar 'il quddiem l-"AVBGasV"):

"Il-kundizzjonijiet ġenerali li taħthom l-impriżi tal-gass għandhom l-obbligu […] li jgħaqqdu kull persuna man-netwerk ta' distribuzzjoni u li jipprovdu tariffi ġenerali huma ffissati fl-Artikoli 2 sa 34 ta' dan ir-regolament. Dawn il-kundizzjonijiet jagħmlu parti mill-kuntratt ta' provvista."

10 Skont l-Artikolu 4(2) tal-AVBGasV, il-bidliet li jsiru lill-kundizzjonijiet u lit-tariffi ġenerali ma jkollhomx effett qabel il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

11 L-Artikolu 32(1) u (2) tal-AVBGasV jipprevedi:

"(1) Il-kuntratt jibqa' japplika kontinwament sax-xoljiment tiegħu minn waħda miż-żewġ partijiet permezz ta' preavviż ta' xahar fi tmiem xahar kalendarju […]

(2) F'każ ta' bidliet fit-tariffi ġenerali jew ta' bidla fil-kundizzjonijiet ġenerali mill-impriża tal-gass fil-kuntest ta' dan ir-regolament, il-klijent jista' jxolji l-kuntratt permezz ta' preavviż ta' ġimagħtejn fi tmiem ix-xahar li jsegwi l-pubblikazzjoni uffiċjali.

[…]"

12 L-AVBGasV tħassar bil-Gasgrundversorgungsverordnung (ir-Regolament dwar il-Provvista Bażika tal-Gass) tas-26 ta' Ottubru 2006 (BGBl. 2006 I, p. 2396), kif emendat bil-Liġi tad-29 ta' Awwissu 2016 (BGBl. 2016 I, p. 2034). L-Artikolu 5(2) u (3) tar-Regolament dwar il-Provvista Bażika tal-Gass jipprevedi:

"(2) Il-bidliet fil-prezzijiet ġenerali u fil-kundizzjonijiet addizzjonali jidħlu fis-seħħ fil-bidu tax-xahar rilevanti, iżda biss wara l-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom, li għandu jseħħ tal-inqas sitt ġimgħat qabel il-bidla ppjanata. Fl-istess waqt li jagħmel il-pubblikazzjoni, il-fornitur tas-servizz ta' provvista bażika huwa obbligat jibgħat notifika bil-miktub lill-klijenti tiegħu tal-bidliet previsti u li jippubblikahom fuq is-sit internet tiegħu; f'dan il-kuntest, huwa għandu jispeċifika l-portata, ir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet tal-bidla u jirreferi, b'mod li jista' jinqara, għad-drittijiet tal-klijent imsemmija fil-paragrafu 3 kif ukoll għall-informazzjoni msemmija fil-punt 7 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(3).

(3) Meta ssir bidla fil-prezzijiet ġenerali jew fil-kundizzjonijiet addizzjonali, il-klijent għandu d-dritt ixolji l-kuntratt, mingħajr terminu ta' preavviż, mill-mument tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija bidliet […]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 Stadtwerke Neuwied hija fornitur ta' gass naturali organizzat fil-forma ta' kumpannija rregolata mid-dritt privat Ġermaniż, iżda hija suġġetta, bħala impriża komunali inkarigata mill-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali favur kollettività pubblika, għall-kontroll tal-Istat, peress li l-belt ta' Neuwied (il-Ġermanja) hija l-unika azzjonista tagħha u s-sindku ta' din il-belt jagħmel parti mill-bord ta' sorveljanza tagħha.

14 RI ilu klijent ta' Stadtwerke Neuwied mit-28 ta' Lulju 2004. Dan il-fornitur tal-gass issodisfa l-obbligi tiegħu ta' fornitur fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista bażika. Bejn Jannar 2005 u Settembru 2011, Stadtwerke Neuwied introduċiet żidiet fit-tariffi li jikkorrispondu għaż-żieda fl-ispiża għall-akkwist tal-gass naturali filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-iffrankar miksub f'oqsma oħra tas-settur tal-gass. Hija issa titlob lil RI jħallas is-somma ta' EUR 1 334.71 li tikkorrispondi għall-arretrati dovuti minħabba dawn l-adattamenti tat-tariffi. RI ma ġiex informat personalment dwar l-imsemmija adattamenti, iżda għandu jiġi ppreċiżat li Statdwerke Neuwied ippubblikat, fuq is-sit internet tagħha, il-prezzijiet tagħha u t-tariffi ġenerali tagħha kif ukoll l-adattamenti kuntrattwali. Barra minn hekk, iż-żidiet fit-tariffa ġew ippubblikati fl-istampa reġjonali.

15 Quddiem il-qorti tar-rinviju, RI sostna li l-kuntratt ta' provvista konkluż ma' Stadtwerke Neuwied ma kienx jinkludi klawżola effettiva ta' reviżjoni tal-prezzijiet u kkontesta l-pretensjonijiet ta' Stadtwerke Neuwied. Huwa jqis, b'mod partikolari, li Stadtwerke Neuwied ma kellhiex id-dritt effettiv li taġġusta l-prezzijiet tagħha, li l-prezz tal-konsum mitlub ma kienx raġonevoli u li, jekk jiġi preżunt li jeżisti, id-dritt unilaterali għall-iffissar tal-prezzijiet skont l-Artikolu 4 tal-AVBGasV ma huwiex trasparenti. Minn dan RI jikkonkludi li ż-żidiet fil-prezz tal-gass kienu invalidi. Barra minn hekk, RI ressaq kontrotalba intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-prezzijiet iffissati mill-fornitur kienu irraġonevoli u infondati, u sabiex jinkiseb ir-rimbors ta' parti mis-somom li huwa ħallas lil Stadtwerke Neuwied bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2011.

16 Il-qorti tar-rinviju tqis li s-soluzzjoni tal-kawża quddiemha tiddependi mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/55.

17 Hija tqis li n-nuqqas ta' Stadtwerke Neuwied li tinforma lill-konsumatur fi żmien xieraq u direttament biż-żidiet fil-prezz tal-gass jista' jqajjem dubji dwar il-validità ta' dawn iż-żidiet, minħabba li r-rekwiżit ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikolu 3(3) u mill-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55 huwa direttament invokabbli f'tilwima bħal dik fil-kawża prinċipali, minkejja n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva fid-dritt Ġermaniż matul il-perijodu inkwistjoni.

18 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, madankollu, li l-approċċ tagħha jippreżumi li, fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' traspożizzjoni, ir-rekwiżit ta' trasparenza previst mid-Direttiva 2003/55 huwa direttament applikabbli u invokabbli minn individwu kontra kumpannija rregolata mid-dritt privat bħalma hija Stadtwerke Neuwied u li l-osservanza ta' dan ir-rekwiżit tikkundizzjona l-validità stess taż-żieda fil-prezz.

19 F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li l-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) iddeċidiet li d-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali ma setgħux jiġu interpretati skont id-Direttiva 2003/55. Barra minn hekk, peress li hija kkonkludiet li din id-direttiva ma kinitx direttament applikabbli, din il-qorti qieset li tali sitwazzjoni ma kellhiex twassal għall-invalidità taż-żidiet fil-prezzijiet inkwistjoni u rrikonoxxiet li Stadtwerke Neuwied kellha d-dritt li taġġusta l-prezzijiet tagħha abbażi ta' interpretazzjoni addizzjonali tal-kuntratt ta' provvista ta' gass.

20 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 3(3) flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-provvista ta' informazzjoni diretta lill-klijent dwar iż-żieda fit-tariffi hija kundizzjoni għall-validità taż-żieda. Barra minn hekk, hija

tistaqsi jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex direttament applikabbli minħabba l-fatt li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn jistgħu jitqiesu li huma inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi u li huma invokati kontra entità, jiġifieri Stadtwerke Neuwied, li tista' titqies, dejjem skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li hija suġġetta għall-awtorità jew għall-kontroll tal-Istat jew li għandha drittijiet speċjali li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet applikabbli għar-relazzjonijiet bejn individwi.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Koblenz (il-Qorti Reġjonali ta' Koblenz, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3(3) flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva [2003/55], għandu jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas li tiġi pprovduta informazzjoni f'waqtha u diretta lill-konsumaturi tal-gass dwar il-kundizzjonijiet, ir-raġunijiet u l-portata ta' bidla imminenti fit-tariffi għall-fornitura tal-gass tipprekludi l-validità ta' bidla bħal din fit-tariffi?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:

L-Artikolu 3(3) flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva [2003/55], ilu applikabbli direttament mill-1 ta' Lulju 2004 fil-konfront ta' kumpannija privata (fil-forma ta' GmbH Ġermaniża) peress li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma jimponux kundizzjonijiet f'termini ta' kontenut u għalhekk jistgħu jiġu applikati mingħajr il-bżonn ta' att ta' implimentazzjoni ulterjuri u jagħtu liċ-ċittadini drittijiet fil-konfront ta' organizzazzjoni li, minkejja l-forma ġuridika privata tagħha, hija kkontrollata mill-Istat peress li dan huwa l-uniku azzjonist tal-kumpanija?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

22 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55, moqri flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tagħha, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta jsiru bidliet tariffarji mhux innotifikati personalment lill-klijenti minn fornitur tal-gass li jkun l-aħħar għażla disponibbli bl-uniku għan li ż-żieda fl-ispiża tal-akkwist tal-gass naturali tiġi mgħoddija mingħajr tfittxija għal profitt, l-osservanza, minn dan il-fornitur, tal-obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, hija kundizzjoni għall-validità tal-bidliet tariffarji kkonċernati.

23 Għandu jitfakkar li l-għan li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2003/55 huwa li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-gass. F'dan ir-rigward, l-aċċess għan-netwerk li ma jkunx diskriminatorju u li jkun trasparenti u disponibbli bi prezz ġust huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni u huwa ta' importanza kbira sabiex jitkompla s-suq intern tal-gass (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2014, Schulz u Egbringhoff, C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 39).

24 F'dan il-kuntest, it-tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumatur huwa l-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/55 u huwa relatat mill-qrib kemm mal-liberalizzazzjoni tas-swieq inkwistjoni kif ukoll mal-għan, li wkoll għandu jintlaħaq minn din id-direttiva, li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista kontinwa tal-gass (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2014, Schulz u Egbringhoff, C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 40).

25 Huwa fid-dawl ta' dan l-għan u ta' dan it-tħassib li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/55, dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-konsumaturi, jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jipproteġu lill-klijenti finali u jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jaħtru fornitur li jkun l-aħħar

għażla disponibbli sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-klijenti konnessi man-netwerk tal-gass. Fi kwalunkwe każ, dawn il-miżuri jinkludu, tal-inqas fir-rigward tal-klijenti domestiċi, dawk li jinsabu fl-Anness A ta' din id-direttiva.

26 Il-punt (b) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55 jippreċiża li l-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(3) għandhom b'mod partikolari l-għan li jiżguraw li l-forniturі ta' servizzi jinformaw lill-abbonati tagħhom immedjatament b'kull żieda fit-tariffi, fi żmien xieraq u, fi kwalunkwe każ, qabel tmiem il-perijodu ta' fatturazzjoni normali wara d-dħul fis-seħħ taż-żieda. Barra minn hekk, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti jkunu ħielsa li joħorġu minn kuntratt jekk dawn ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet il-ġodda għall-provvista ta' gass. Skont il-punt (ċ) tal-Anness A ta' din id-direttiva, il-klijenti għandhom jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli.

27 Għandu jiġi kkonstatat li l-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet madankollu ma tindikax jekk l-osservanza tal-obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni imposti fuq il-forniturі tal-gass hijiex kundizzjoni għall-validità ta' bidliet tariffarji tal-provvista ta' gass.

28 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa sabiex igawdu b'mod sħiħ u effettiv mid-drittijiet tagħhom u jieħdu, b'għarfien sħiħ tal-kunsiderazzjonijiet kollha involuti, deċiżjoni dwar it-terminazzjoni possibbli tal-kuntratt jew sabiex jikkontestaw il-bidla fil-prezz tal-provvista, li l-klijenti għandhom ikunu informati, fi żmien xieraq qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-bidla, dwar ir-raġunijiet, il-kundizzjonijiet u l-portata tagħha (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2014, Schulz u Egbringhoff, C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 47).

29 Minn dan jirriżulta li l-obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni stabbiliti fil-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55 huma intiżi sabiex jiżguraw, konformement mal-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi, li l-klijent ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu li joħroġ mill-kuntratt jew li jikkontesta l-bidla fil-prezz tal-provvista.

30 Issa, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt mill-klijenti ma jistax jiġi żgurat u d-dispożizzjonijiet tal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55 jitilfu l-effett utli tagħhom jekk il-fornitur tal-gass jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu ta' trasparenza u ta' informazzjoni billi jonqos, b'mod partikolari, milli jinforma personalment lill-klijenti tiegħu bil-bidla tat-tariffa prevista.

31 Madankollu, għandu jitfakkar li, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża prinċipali, Stadtwerke Neuwied kienet qiegħda taġixxi bħala "provditur ta' l-aħħar riżort [fornitur li jkun l-aħħar għażla disponibbli]", fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 u li l-bidliet tariffarji mwettqa suċċessivament minn dan il-fornitur kienu intiżi biss sabiex jgħaddu ż-żieda tal-ispiża tal-akkwist tal-gass naturali mingħajr tfittxija għal profitt.

32 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li peress li tali fornitur tal-gass huwa obbligat, fil-kuntest tal-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jidħol f'kuntratti mal-klijenti li jkunu talbu għalihom u li għandhom dritt għall-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmija leġiżlazzjoni, l-interessi ekonomiċi tal-imsemmi fornitur għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sa fejn dan ma jkollux l-għażla tal-parti kontraenti l-oħra u ma jistax itemm il-kuntratt b'mod liberu (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2014, Schulz u Egbringhoff, C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 44).

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, meta l-bidliet tariffarji tal-fornitur tal-gass sempliċement jgħaddu ż-żieda fl-ispiża tal-akkwist tal-gass għall-prezz tas-servizz mingħajr ma l-fornitur ifittex li jikseb l-iċken profitt, l-invalidità ta' tali bidliet minħabba l-assenza ta' notifika personali lill-klijenti tista' tipperikola serjament l-interessi ekonomiċi tal-fornitur tal-gass.

34 Konsegwentement, sa fejn il-fornitur huwa obbligat li jiżgura s-sigurtà tal-provvista għall-klijenti tiegħu, il-validità taż-żieda fit-tariffi li effettivament tgħaddi l-ispiża tal-akkwist tal-gass ma tistax tiddependi mill-provvista ta' informazzjoni lill-imsemmija klijenti personalment. Fil-każ kuntrarju, ir-riskju ekonomiku li jkollu jsostni l-fornitur tal-gass jista' kemm jipperikola t-twettiq tal-għan ta' sigurtà tal-provvista previst mid-Direttiva 2003/55 kif ukoll jippreġudika b'mod sproporzjonat l-interessi ekonomiċi ta' dan il-fornitur.

35 Peress li n-nuqqas ta' notifika personali tal-bidliet tariffarji xorta waħda jikkostitwixxi, anki f'tali sitwazzjoni, preġudizzju għall-protezzjoni tal-konsumaturi huwa importanti, madankollu, minn naħa, li l-klijenti ta' tali fornitur ikunu jistgħu jxolju l-kuntratt fi kwalunkwe mument u, min-naħa l-oħra, peress li l-provvista ta' gass issir b'tariffa li l-klijent ma setax ikun jaf biha qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, rimedji xierqa għandhom ikunu miftuħa għalih sabiex ikun jista' jitlob kumpens għad-dannu li seta' ġarrab minħabba l-fatt li huwa ġie mċaħħad mill-possibbiltà li jeżerċita d-dritt tiegħu, fi żmien xieraq, li jibdel il-fornitur sabiex ikun jista' jibbenefika minn tariffa iktar vantaġġuża. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dawn il-kwistjonijiet.

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55, moqri flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jsiru bidliet tariffarji mhux innotifikati personalment lill-klijenti minn fornitur tal-gass li jkun l-aħħar għażla disponibbli bl-uniku għan li ż-żieda fl-ispiża tal-akkwist tal-gass naturali tiġi mgħoddija mingħajr tfittxija għal profitt, l-osservanza, minn dan il-fornitur, tal-obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet ma hijiex kundizzjoni għall-validità tal-bidliet tariffarji inkwistjoni, sakemm il-klijenti jkunu jistgħu jxolju l-kuntratt fi kwalunkwe ħin u jkollhom rimedji xierqa sabiex jiksbu kumpens għad-dannu li jkunu setgħu ġarrbu minħabba l-assenza ta' notifika personali tal-bidliet.

Fuq it-tieni domanda preliminari

37 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda preliminari, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE, moqri flimkien mal-punti (b) u (ċ) tal-Anness A tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jsiru bidliet tariffarji mhux innotifikati personalment lill-klijenti minn fornitur tal-gass li jkun l-aħħar għażla disponibbli bl-uniku għan li ż-żieda fl-ispiża tal-akkwist tal-gass naturali tiġi mgħoddija mingħajr tfittxija għal profitt, l-osservanza, minn dan il-fornitur, tal-obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet ma hijiex kundizzjoni għall-validità tal-bidliet tariffarji inkwistjoni, sakemm il-klijenti jkunu jistgħu jxolju l-kuntratt fi kwalunkwe ħin u jkollhom rimedji xierqa sabiex jiksbu kumpens għad-dannu li jkunu setgħu ġarrbu minħabba l-assenza ta' notifika personali tal-bidliet.

Firem